**Digriet tal-Qorti Ġenerali tas-7 ta' Ottubru 2013 — Roland vs UASI– Textiles Well (wellness inspired by nature)**

**(Kawża T-191/12)** [1]

*("Trade mark Komunitarja — Oppożizzjoni — Irtirar tal-oppożizzjoni — Ma hemmx lok li tingħata deċiżjoni")*

(2013/C 359/23)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Roland SE (Essen, il-Ġermanja) (rappreżentanti: O. Rauscher u C. Onken, avukati)

*Konvenut:* L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentant: P. Geroulakos, aġent)

*Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-UASI, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġenerali:* Textiles Well (Le Vigan, Franza) (rappreżentanti: E. Cornu u É. De Gryse, avukati)

**Suġġett**

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-UASI, tal-15 ta' Frar 2012 (Każ R 2552/2010-1), dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn Textiles Well SA u Roland SE, li kienet Roland-Schuhe GmbH & Co. Handels KG.

**Dispożittiv**

(1) *Ma għadx hemm lok li tingħata deċiżjoni.*

(2) *Ir-rikorrenti u l-intervenjenti huma kkundannati għall-ispejjeż tagħhom kif ukoll, kull wieħed minnhom, għal nofs l-ispejjeż sostnuti mill-konvenut.*

[1] ĠU C 209, 14.07.2012.

**Digriet tal-Qorti Ġenerali tal-14 ta' Ottubru 2013 — Vicente Gandia Pla vs UASI — Tesco Stores (MARQUES DE CHIVÉ)**

**(Kawża T-128/13)** [1]

*("Trade mark Komunitarja — Oppożizzjoni — Rinunzja tat-trade mark nazzjonali — Tmiem tas-suġġett tar-rikors — Ma hemmx lok li tingħata deċiżjoni")*

(2013/C 359/24)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Vicente Gandia Pla, SA (Chiva, Spanja) (rappreżentant: I. Temiño Ceniceros, avukat)

*Konvenut:* L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentant: L. Rampini, aġent)

*Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-UASI:* Tesco Stores Ltd (Cheshunt, Ir-Renju Unit)

**Suġġett**

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-UASI tat-13 ta' Diċembru 2012 (Każ R 854/2012-1), dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn Tesco Stores Ltd u Vicente Gandia Pla, SA.

**Dispożittiv**

(1) *Ma hemmx iktar lok li tingħata deċiżjoni dwar ir-rikors.*

(2) *Kull parti għandha tbati l-ispejjeż tagħha.*

[1] ĠU C 123, 27.04.2013.

**Digriet tal-Qorti Ġenerali tal-15 ta' Ottubru 2013 — Spanja vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża T-148/13)** [1]

*("Rikors għal annullament — Terminu għall-preżentata ta' rikors — Bidu tad-dekorrenza — Pubblikazzjoni fil-Ġurnal Uffiċjali — Inammissibbiltà")*

(2013/C 359/25)

*Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol*

**Partijiet**

*Rikorrent:* Ir-Renju ta' Spanja (rappreżentanti: inizjalment minn S. Centeno Huerta, sussegwentement minn M. J. García-Valdecasas Dorrego, abogados del Estado)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: J. Currall, J. Baquero Cruz u B. Eggers, aġenti)

### Suġġett

Talba għal annullament tal-avviż ta' kompetizzjoni ġenerali EPSO/AST/125/12, għall-ħolqien ta' lista ta' riżerva għar-reklutaġġ ta' assistenti (AST 3), fl-oqsma "Awditjar", "Finanzi/Kontabilità" u "Ekonomija/Statistika" (ĠU 2012, C 394 A, p. 1).

### Dispożittiv

(1) *Ir-rikors huwa miċħud bħala inammissibbli.*

(2) *Ir-Renju ta' Spanja huwa kkundannat ibati l-ispejjeż tiegħu stess kif ukoll dawk sostnuti mill-Kummissjoni Ewropea.*

---

([1]) ĠU C 123, 27.04.2013.

---

## Digriet tal-Qorti Ġenerali tal-15 ta' Ottubru 2013 — Spanja vs Il-Kummissjoni

**(Kawża T-149/13)** ([1])

***("Rikors għal annullament — Terminu għall-preżentata ta' rikors — Bidu tad-dekorrenza — Pubblikazzjoni fil-Ġurnal Uffiċjali — Inammissibbiltà")***

(2013/C 359/26)

*Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol*

### Partijiet

*Rikorrent:* Ir-Renju ta' Spanja (rappreżentanti: inizjalment minn S. Centeno Huerta, sussegwentement minn M. J. García-Valdecasas Dorrego, abogados del Estado)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: J. Currall, J. Baquero Cruz u B. Eggers, aġenti)

### Suġġett

Talba għal annullament tal-Avviż ta' kompetizzjoni ġenerali EPSO/AST/126/12, sabiex tinħoloq lista ta' riżerva għar-reklutaġġ ta' assistenti (AST 3), fis-settur "Riċerka", fl-oqsma "Bijoloġija/Xjenzi tal-ħajja u tas-saħħa", "Kimika", "Fiżika u xjenzi tal-materjali", "Riċerka nukleari", "Inġinerija ċivili u mekkanika", "Inġinerija elettrika u elettronika" (ĠU 2012, C 394 A, p. 11).

### Dispożittiv

(1) *Ir-rikors huwa miċħud bħala inammissibbli.*

(2) *Ir-Renju ta' Spanja huwa kkundannat ibati l-ispejjeż tiegħu stess kif ukoll dawk sostnuti mill-Kummissjoni Ewropea.*

---

([1]) ĠU C 123, 27.04.2013.

---

## Digriet tal-Qorti Ġenerali tal-21 ta' Ottubru 2013 — Marcuccio vs Il-Kummissjoni

**(Kawża T-226/13 P)** ([1])

***("Appell — Servizz pubbliku — Ċaħda tar-rikors fl-ewwel istanza bħala manifestament nieqes minn kull fondatezza fil-liġi — Posta mibgħuta, li tirrigwarda l-eżekuzzjoni ta' sentenza tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku, lir-rappreżentant tal-appellant minn din is-sentenza — Appell parzjalment manifestament inammissibbli u parzjalment manifestament infondat")***

(2013/C 359/27)

*Lingwa tal-kawża: it-Taljan*

### Partijiet

*Appellant:* Luigi Marcuccio (Tricase, l-Italja) (rappreżentant: G. Cipressa, avukat)

*Appellata:* Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: C. Berardis-Kayser u G. Gattinara, aġenti)

### Suġġett

Appell mid-digriet tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku tal-Unjoni Ewropea (It-Tielet Awla) tas-6 ta' Frar 2013, Marcuccio vs Il-Kummissjoni (F-67/12, li għadu ma ġiex ippubblikat fil-Ġabra), u intiż għall-annullament ta' dan id-digriet.

### Dispożittiv

(1) *L-appell huwa miċħud.*

(2) *Luigi Marcuccio għandu jbati l-ispejjeż tiegħu kif ukoll dawk sostnuti mill-Kummissjoni Ewropea fil-kuntest ta' din l-istanza.*

(3) *Luigi Marcuccio huwa kkundannat jirrimborsa lill-Qorti Ġenerali s-somma ta' EUR 2 000 skont l-Artikolu 90 tar-Regoli tal-Proċedura tagħha.*

---

([1]) ĠU C 171, 15.06.2013.